## O Spirtu s-Santu

Spirtu s-Santu għix fija
Bik qalbi bil-ferħ mimlija.

Spirtu s-Santu, għaġeb tal-għeġubijiet
Int ta' qalbi l-aqwa tamiet.

Spirtu s-Santu għajn tal-qdusija,
Qalbi serraħħli f'din it-tbatija.

Spirtu s-Santu, kull don ġej minnek,
Daħħalni dejjem fil-misteru ta' ħinek.

Spirtu s-Santu, faraġ tal-imnikktin
Wieżen b'qawwietek lill-imġarrbin.

Spirtu s-Santu tama fil-fallimenti
Sikket lil qalbi minn ħafna kummenti.

Spirtu s-Santu, l-aqwa poeżija
Ikteb fuq qalbi tiegħek il-melodija.

Spirtu s-Santu, saħħa fit-tiġrib
Għinni nerfa' is-salib.

Spirtu s-Santu, imħabba bla qjies
Tħalli qatt lil qalbi tibbies.

Spirtu s-Santu, dawl tas-setgħanin
Fakkarhom dejjem li Alla hu ħanin.

Spirtu s-Santu, Alla tas-sliem
Għinna ngħixu ta' aħwa flimkien.

Spirtu s-Santu, ġeneratur tal-maħfra
Tħallieha qatt minni tieħu safra.

Spirtu s-Santu, niżżilni fil-piż
Ħalli tiġini dik l-imbierka qmiż.

Spirtu s-Santu, Alla umorist
Daħħakni waħda kif imiss.

Spirtu s-Santu, li tħobb lil kulħadd
Eħlisni mill-għira biex ma naħkem lil ħadd.

Spirtu s-Santu, Alla qaddis
Biegħed fommi minn kull tqasqis.

Spirtu s-Santu, int l-aqwa poeta
Prattiku int ma tgħixx f’xi kometa.

Spirtu s-Santu, ngħid fuqek ma’ kulħadd
Ninfired minnek ma rrid qatt.

Spirtu s-Santu, duwa tal-morda
Kun il-pilola ta’ min storda.

Spirtu s-Santu, inti t-tbissima tiegħi,
Fl-agunija oqod miegħi.

Spirtu s-Santu, fik qalbi tithenna
Minn did-dinja ħudni l-ġenna.

Spirtu s-Santu, ħarries minn kull dnewwa
Salva nitolbok lil tiegħi l-għedewwa.

Spirtu s-Santu, in-namrat ta’ Marija
Imlili qalbi bil-qdusija.

Spirtu s-Santu, int sempliċità
Għalliem tiegħi tal-veru umiltà

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta’ Ġunju 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.